MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2006

Numru 706/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Josephine Zammit**
**Rita Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Josephine Zammit ta' 47 sena, bint Anthony Bartolo u Eufemia nee' Galea, imwielda Hal Qormi fit-18 ta' Marzu, 1956 u toqghod fil-font: Flt 2, Bini tal-Gvern, Triq Antonio u Maria Cumbo, Bini tal-Gvern, il-Fgura u detentrici tal-karta ta' l-identita' numru: 259656(M) u

lil Rita Zammit ta’ 23 sena, bint George Zammit u Josephine nee’ Bartolo, imwielda l-Pieta’ fil-25 ta’ Novembru, 1979 u toqghod fil-font Numru: 327, Triq l-Imdina, Hal Qormi u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru: 560779(M) gew akkuzati:

talli nhar l-24 ta’ Mejju, 2003, ghal habta tas-6.00 ta’ filghaxija, fi Triq il-Karmnu gewwa l-Fgura, ikkawzaw griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Mary Shirley Vassallo, liema ferita ggib mankament jew sfregju f’id il-vittma, skond kif iccertifikat minn Dr. K. Borg mill-Casualty Dept. ta’ l-Isptar San Luqa u dana bi ksur ta’ l-artiklu 216 (1) b tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkawzaw griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Kylie Vassallo, skond kif iccertifikat minn Dr. Mallia mic-centru tas-sahha ta’ Rahal Gdid u dan bi ksur ta’ l-artiklu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommettew s-serq ta’ par imsielet li jiswew Lm110 ghad-dannu ta’ Mary Shirley Vassallo, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, u dana bi ksur ta’ l-artiklu 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

ukoll talli fl-istess cirkostanzi volontarjament kisru il-Bon Ordni u l-Paci Pubblika b’ghajjat u glied u dana bi ksur tal-artiklu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

aktar talli fl-istess cirkostanzi qalu kliem oxxen, indecenti u dagha bi ksur tal-artiklu 338 (bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellhom fil-pussess taghhom arma taqta’ u bil-ponta minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta’ l-artiklu 13(1) tal-Kap. 66 ta’ l-Ordinanza dwar l-Armi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok JA5 u nnutat li l-imputati Josephine Zammit u Rita Zammit m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-partijiet.

Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li mill-provi prodotti jirrizulta li dan hu kaz li beda fuq haga estremament minima u spicca biex eskala ruhu hafna.

Rigward l-ewwel akkuza il-Qorti tosserva li din l-akkuza li tghid: “Billi intom akkuzati talli nhar l-24 ta’ Mejju, 2003, ghal habta tas-6.00 ta’ filghaxija, fi Triq il-Karmnu gewwa l-Fgura, ikkawzajtu griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Mary Shirley Vassallo, liema ferita ggib mankament jew sfreggju f’id il-vittma, skond kif iccertifikat minn Dr. K. Borg mill-Casualty Dept. ta’ l-Isptar San Luqa u dana bi ksur ta’ l-artiklu 216(1)b tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta” tirreferi ghal ksur ta’ l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan is-sub-artikolu jirreferi ghal “jekk iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn ta’ l-offiz.”

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta’ Dr Conrad Borg moghtija fis-Seduta tat-23 ta’ Marzu, 2004 fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:
“Qed nigi muri d-dokument Dok. BJ7 li jinsab a fol. 19 tal-process u nikkonferma li dana huwa certifikat rilaxxjat minni. Nghid illi b’referenza ghal dan id-dokument, Dok. BJ7 a fol. 19 tal-process, fil-waqt li nikkonferma li dana huwa certifikat mediku rilaxxjat minni, u dan allura mid-Dipartiment ta’ l-Isptar San Luqa, “Casualty Department”, rigwardanti l-pazjenta Mary Shirley Vassallo, nghid illi ghalkemm fuq l-istess dokument jiena indikajt illi dana n-natura tal-griehi kienet ta’ natura hafifa, fil-fatt irrizultali,

wara li jiena kkonsultajt mal-Konsulent taghna, illi dina l-griehi kienu ta' natura gravi "per durata"."

Minn dan jemergi li dak li jirrizulta mill-provi mhux rifless fl-akkuza kif dedotta.

B'referenza ghal din l-akkuza il-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' Mary Shirley Vassallo moghtija fis-Seduta tal-14 ta' Ottubru, 2003 fejn din qalet: "Nghid hin minnhom Josephine Zammit qabditni min idi l-leminija u Rita Zammit lwietli subghajja li hu r-raba sebgha dak li nsejhulu tac-curkett u nghid din rewituli u kisrituli."

Rigward l-ewwel akkuza il-Qorti hi tal-fehma li jirrizulta b'mod sodisfacenti li kienet l-imputata Rita Zammit li kisret ir-raba subgha ta' l-id il-leminija tal-imsemmija Mary Shirley Vassallo, pero' fid-dawl tas-suespost rigward kif giet dedotta l-imsemmija akkuza il-Qorti ma tistax issib lill-imputata Rita Zammit hatja ta' dik l-akkuza taht l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 izda jirrizulta ir-reat kontemplat fl-art. 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li hu kompriz u involut fir-reat aktar gravi moghti fl-ewwel akkuza.

Fil-konfront tal-imputata Josephine Zammit jirrizulta li din ikkagunat griehi ta' natura hafifa fuq Mary Shirley Vassallo (ara deposizzjoni ta' Mary Shirley Vassallo moghtija fl-14 ta' Ottubru, 2003) kif ukoll id-deposizzjoni tal-imputata Josephine Zammit moghtija fit-30 ta' Settembru, 2005. Ghalhekk jissussisti fil-konfront tal-imputata Josephine Zammit ir-reat kontemplat fl-art. 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li hu kompriz u involut fl-ewwel akkuza.

Rigward it-tieni akkuza il-Qorti hi tal-fehma li mill-kumpless tal-provi prodotti din l-akkuza ma tirrizultax b'mod sodisfacenti fil-konfront taz-zewg imputati. Difatti jissussisti element ta' dubbju dwar kif sehhew l-affarijiet rigward il-minuri Kylie Vassallo. F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi senjatament ghad-deposizzjoni ta' Mary Shirley Vassallo tal-14 ta' Ottubru, 2003, tal-imputati u ta' Jane Borg moghtija fit-3 ta' Dicembru, 2003. Din ix-xhud, inter alia, qalet:

"Jien qbadt it-tarbija ta' Shirley u tlaqt fid-direzzjoni tad-dar tieghi. Bit-tarbija ta' Shirley."

Dwar din it-tieni akkuza il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal Dok. BJ8 (fol. 20 tal-Process) u Dok. BJ9 (fol. 21 tal-Process) kif ukoll ghad-deposizzjoni ta' Dr Mark Mallia moghtija fis-Seduta tal-10 ta' Settembru, 2003 fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:
"B'referenza ghad-dokument dok. BJ8 nikkonferma li dan hu certifikat mediku rilaxxjat minni li hu datat 24 ta' Mejju tas-sena kurrenti. Nikkonferma li jien kont invistajt lil Kylie Vassallo. Nghid li din kienet tifla zghira ta' 10 xhur u nghid li minn barra ma kien jidher xejn. Nghid skond il-persuni li gabu din it-tarbija maghhom dawn il-persuni kienu qalu li din it-tifla kienet habtet rasha ma van. Skond l-istess persuni t-tifla kienet bkiet hafna u mbghad raqdet. Nixtieq nghid ukoll u naghmel referenza ghal Dok. BJ9 li hu wkoll certifikat mediku rilaxxjat minni rigwardanti l-istess pazjenta u fil-fatt nghid li l-istess certifikati jgibu l-istess dati u hrigthom f'daqqa u ghal hekk ser naghmel referenza ghat-tnejn flimkien. Minn dawn il-konstatazzjonijiet jien wasalt ghall-konkluzjoni li jien ghamilt iccekkjar fuq ghajnejha. It-tifla kienet alert meta kienet quddiemi fil-poliklinika u rreferejtha l-isptar San Luqa biex tigi osservata. Nghid is-suspett kien ta' head injury. Nikkonferma li z-zewg certifikati Dok. BJ8 u Dok. BJ9 rrilaxxjajthom jiena. Qed ngharaf il-firma tieghi fuq kull dokument."

Mis-suespost lanqas ma jirrizulta b'mod sodisfacenti li Kylie Vassallo sofriet griehi ta' natura hafifa bi ksur tal-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rigward it-tielet akkuza il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza ma tirrizultax b'mod sodisfacenti mill-provi prodotti. Difatti mill-kumpless tal-provi jemergi dubju dwar is-sussistenza ta' tali reat fil-konfront taz-zewg imputati, liema dubju ghandu jmur favur l-imputati. F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi senjatament ghal verzjonijiet moghtija minn Mary Shirley Vassallo fl-14 ta' Ottubru, 2003 u mill-imputati fid-deposizzjonijiet rispettivi taghhom moghtija fit-30 ta' Settembru, 2005, kif ukoll ghad-deposizzjonijiet ta' David

Vassallo moghtija fl-14 ta' Ottubru, 2003 u ta' Carmelo Grima moghtija fit-23 ta' Marzu, 2004 u fl-4 ta' Lulju, 2005.

Rigward ir-raba akkuza il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza tirrizulta b'mod car fil-konfront taz-zewg imputati. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Carmelo Grima moghtija fil-4 ta' Lulju, 2005 fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:
"Nghid illi jien rajt lil Josephine Zammit l-imputata taqbad minn xaghar lil parte civile Shirley li kienet ghadha bit-tarbija f'idejha u jien imbaghad mort biex nifridhom. Jien bdejt nimbotta lill-imputata Josephine lejn naha u lil parte civile Shirley in-naha l-ohra. Nixtieq nghid illi meta l-imputata Josephine Zammit gibdet xaghar il-parte civile Shirley, din xagharha baqghet izzommu f'idejha. Nghid illi imbaghad meta jien ippruvajt nifridhom giet l-imputata l-ohra Rita Zammit girfet wicc il-parte civile Shirley u nghid illi jien rajt lill-imputata Rita Zammit tiggranfa ma wicc il-parte civile Shirley."

Rigward il-hames akkuza il-Qorti hi tal-fehma li din l-akkuza tirrizulta b'mod sodisfacenti fil-konfront tal-imputata Josephine Zammit filwaqt li ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata biss fil-konfront tal-imputata Rita Zammit. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Mary Shirley Vassallo moghtija fl-14 ta' Ottubru, 2003 fejn din, inter alia, b'referenza ghall-imputata Josephine Zammit qalet:
"Hi staqsietni jekk jien mortx biex niehu sodisfazzjon u hi bdiet tghajjat kemm tiflah, bdiet tidghi u tkellimni pastaz u jien smajtha tidghi kemm b'Alla u bil-Madonna."

Taghmel ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta' David Vassallo moghtija fis-Seduta tal-14 ta' Ottubru, 2003 fejn dan, inter alia, qal:
"…u jien kif dhalt hemm gew Guza Zammit bdiet tghajjat u bdiet tidghi b'Alla u bil-Madonna u bdiet tghidli li marti hi halliela."

Rigward is-sitt akkuza il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza giet sodisfacentement ippruvata biss fil-konfront tal-imputata Josephine Zammit.

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghad-deposizzjoni tal-istess imputata Josephine Zammit (deposizzjoni tat-30 ta' Settembru, 2005) fejn din, inter alia, qalet:
"Sadanittant is-sikkina kienet ghadha f'idi. Jien ghidtlu biex iserrah mohhu ghax jien lit-tifla ma missejthiex u ghidtlu li qeghda ghand Jane. Sadanittant is-sikkina kienet ghadha f'idi. Jien ghidtlu biex ma jidhollix wara l-bank u jien ghidtlu li jekk tmissni din indahhallek b'referenza ghas-sikkina li kelli f'idi."

Rat fil-konfront tal-imputata Josephine Zammit l-artikoli 221(1), 338(dd), 338(bb), u 342 tal-Kap. 9 u l-art. 13 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat fil-konfront tal-imputata Rita Zammit l-artikoli 221(1) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl tas-suespost issib lill-imputata Josephine Zammit rigward l-ewwel akkuza hatja tar-reat kontemplat fl-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li hu reat kompriz u involut fir-reat aktar gravi moghti fl-ewwel akkuza, izda mhux hatja tar-reat kif kontemplat fl-art. 216(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta dedott fl-ewwel akkuza, u tilliberaha mir-reat aktar gravi, issib ukoll lill-imsemmija imputata Josephine Zammit hatja tar-raba akkuza, tal-hames akkuza u tas-sitt akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali taghha, tillibera lill-istess imputata taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundannha ghall-piena ta' Lm50 multa, u ma ssibx lill-istess imputata Josephine Zammit hatja tat-tieni akkuza u tat-tielet akkuza migjuba kontra taghha u minnhom tilliberaha.

Fid-dawl tas-suespost issib lill-imputata Rita Zammit rigward l-ewwel akkuza hatja tar-reat kontemplat fl-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li hu reat kompriz u involut fir-reat aktar gravi moghti fl-ewwel akkuza izda mhux hatja tar-reat kif kontemplat fl-art. 216(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta dedott fl-ewwel akkuza u tilliberaha

mir-reat aktar gravi, issib lill-imsemmija imputata Rita Zammit hatja tar-raba akkuza u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-fedina penali tal-istess imputata, tillibera lill-istess imputata Rita Zammit taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn millum u ma ssibx lill-imsemmija imputata Rita Zammit hatja tat-tieni akkuza, tat-tielet akkuza, tal-hames akkuza u tas-sitt akkuza migjuba kontra taghha u minnhom tilliberaha.

Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-imputati Josephine Zammit u Rita Zammit b'obbligazzjoni personali ta' Lm100 kull wahda li jzommu l-kwiet ma' l-istess Mary Shirley Vassallo u li jzommu il-bonordni pubbliku ma kullhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Josephine Zammit u Rita Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------